



**▼B****REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 480/2009****tal-25 ta' Mejju 2009****li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni****(Verżjoni kodifikata)***Artikolu 1*

Huwa b'dan stabbilit Fond ta' Garanzija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Fond”, li r-riżorsi tiegħu għandhom jintużaw biex jitħallsu lura l-kredituri tal-Komunitajiet fil-każ ta' inadempjenza mill-benefiċjarju ta' self mogħti jew garantit mill-Komunitajiet jew ta' garanzija ta' self maħruġa mill-Bank Ewropew tal-Investiment (minn hawn 'il quddiem msejjaħ “BEI”) li għalih il-Komunitajiet jipprovdu garanzija.

L-operazzjonijiet ta' self u garanzija msemmija fl-ewwel paragrafu (minn hawn 'il quddiem imsejħa “operazzjonijiet”) għandhom ikunu dawk magħmula għall-benefiċċju ta' pajjiż terz jew għall-finanzjament ta' proġetti f'pajjiżi terzi.

L-operazzjonijiet kollha mwettqa għall-benefiċċju ta' pajjiż terz jew għall-finanzjament ta' proġetti f'pajjiż terz għandhom jaqgħu barra l-ambitu ta' dan ir-Regolament, b'effett mid-data ta' meta dak il-pajjiż jaderixxi mal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Il-Fond għandu jkollu:

- ħlas annwali wieħed mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea skont l-Arikoli 5 u 6,
- imgħax fuq ir-riżorsi tal-Fond investiti,
- l-ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti fejn il-Fond ikun diġà onora l-garanzija,

**▼M1**

- dħul mill-primjum tar-riskju ġġenerat taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li għalihom l-Unjoni tipprovdi garanzija li hija rimunerata.

**▼B***Artikolu 3*

Il-Fond għandu jitla' għal-livell xieraq (minn hawn 'il-quddiem msejjaħ bħala l-“ammont immirat”).

L-ammont immirat għandu jkun 9 % tat-total tal-impenji ta' kapital pendenti tal-Komunitajiet li joriġinaw minn kull operazzjoni, miżjuda bl-imgħaxijiet dovuti mhux imħallsa.

**▼M1**

Jekk l-ammont tal-Fond jaqbeż l-10 % tat-total tal-kapital passiv pendenti tal-Unjoni, l-eċċess għandu jintradd lura fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dak l-eċċess għandu jitħallas fi transazzjoni waħda lejn intestatura speċjali fid-dikjarazzjoni tad-dħul fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-sena “n + 1” abbażi tad-differenza ta' tmiem is-sena “n – 1” bejn 10 % tat-total tal-kapital passiv pendenti tal-Unjoni u l-valur tal-assi netti tal-Fond, ikkalkolati fil-bidu tas-sena “n”.

**▼B***Artikolu 4*

Wara l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni Ewropea, l-ammont immirat għandu jitnaqqas b'ammont ikkalkulat abbażi tal-operazzjonijiet imsemmija fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 1.

Sabiex jiġi kkalkulat l-ammont tat-tnaqqis, ir-rata tal-persentaġġ imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 applikabbli fid-data ta' adeżjoni għandha tiġi applikata lill-ammont ta' daww il-operazzjonijiet pendenti f'dik id-data.

Li jibqa' għandu jitħallas lura taħt intestatura speċjali fid-dikjarazzjoni ta' dħul fil-*budget* ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 5*

Abbażi tad-differenza “n–1” fl-aħħar tas-sena bejn l-ammont immirat u l-valur tal-assi net tal-Fond, ikkalkolati fil-bidu tas-sena “n”, l-ammont ta' forniment meħtieġ għandu jitħallas fil-Fond fi transazzjoni waħda fis-sena “n + 1” mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*

1. Jekk, bħala riżultat ta' xi inadempjenza jew aktar, l-attivazzjoni ta' garanziji tul is-sena “n–1” taqbeż EUR 100 miljun, l-ammont li jaqbeż EUR 100 miljun għandu jitħallas lura fil-Fond f'lottijiet annwali li jibdw fis-sena “n + 1” u li jkomplu matul is-snin ta' wara sakemm isir il-ħlas kollu (“mekkaniżmu ta' twittija”). Id-daqs tal-lott annwali għandu jkun l-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— EUR 100 miljun jew

— l-ammont li jibqa' dovut skont il-mekkaniżmu ta' twittija.

Kwalunkwe ammont li jirriżulta mill-attivazzjoni ta' garanziji fis-snin li jippreċedu s-sena “n–1”, li ma jkunx tħallas kollu lura, dovut għall-mekkaniżmu ta' twittija, għandu jitħallas lura qabel il-mekkaniżmu ta' twittija għal mankanzi li jsiru fis-sena “n–1” jew fi snin sussegwenti jista' jibda jkollu effett. Tali ammonti li jkun għad fadal għandhom ikomplu jiġu mnaqqsa mill-ammont annwali massimu li għandu jiġi rkuprat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea taħt il-mekkaniżmu ta' twittija sakemm l-ammont sħiħ ikun tħallas lura fil-Fond.

2. Il-kalkoli bbażati fuq il-mekkaniżmu ta' twittija għandhom isiru b'mod separat mill-kalkoli msemmijin fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 u fl-Artikolu 5. Madankollu, huma għandhom flimkien jirriżultaw bħala trasferiment annwali wieħed. L-ammonti li għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea taħt il-mekkaniżmu ta' twittija għandhom jiġu trattati bħala assi net tal-Fond għall-kalkolu skont l-Artikoli 3 u 5.

**▼B**

3. Jekk, bħala rizzultat tal-attivazzjoni ta' garanziji wara xi inadempjenza maġġura jew iżjed, ir-riżorsi tal-Fond jaqgħu taħt 80 % tal-ammont immirat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja b'dan.

4. Jekk, bħala rizzultat tal-attivazzjoni ta' garanziji wara xi inadempjenza maġġura jew iżjed, ir-riżorsi fil-Fond jaqgħu taħt 70 % tal-ammont immirat, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar miżuri eċċezzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex jerġa' jimtela' l-Fond.

**▼M1***Artikolu 7*

Il-Kummissjoni għandha tafda l-amministrazzjoni finanzjarja tal-Fond lill-BEI.

Sat-30 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill evalwazzjoni esterna indipendenti tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi talli tiġi fdata l-amministrazzjoni finanzjarja tal-assi tal-Fond u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli lill-Kummissjoni, lill-BEI, jew taħlita tat-tnejn, b'kont meħud tal-kriterji tekniċi u istituzzjonali rilevanti użati fit-tqabbil tas-servizzi ta' amministrazzjoni tal-assi, inklużi l-infrastruttura teknika, tqabbil tal-ispejjeż għas-servizzi mogħtija, il-qafas istituzzjonali, ir-rappurtar, il-prestazzjoni, ir-responsabbiltà u l-għarfien espert ta' kull istituzzjoni u l-mandati l-oħra ta' amministrazzjoni tal-assi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn adatt, l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta leġislattiva.

*Artikolu 8*

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri rapport annwali dwar l-amministrazzjoni tal-Fond matul is-sena kalendarja preċedenti. Ir-rapport annwali għandu jkun fih preżentazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja u informazzjoni dwar il-funzjonament tal-Fond fi tmiem is-sena kalendarja preċedenti, il-flussi finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet sinifikanti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-kontijiet finanzjarji, bħal informazzjoni dettaljata dwar il-kapital pendenti ta' self garantit jew l-assi tal-Fond matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ukoll il-konklużjonijiet u t-tagħlimiet meħuda. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-amministrazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni u r-riskju tal-Fond fi tmiem is-sena kalendarja preċedenti. Mill-2019 u kull tliet snin minn dik is-sena 'l quddiem, huwa għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-adegwatezza tal-mira ta' 9 % u tal-limitu ta' 10 % għall-Fond, kif imsemmija fit-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 3 rispettivament.

**▼B***Artikolu 9*

Il-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta ta' bilanċ relatati mal-fond għandhom jiġu meħmuża mal-kont tad-dħul u tal-infiq u mal-karta ta' bilanċ tal-Komunitajiet.

**▼B**

*Artikolu 10*

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94 hu b'dan imħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness II.

*Artikolu 11*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼B***ANNEX I***Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94	(ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1)
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1149/1999	(ĠU L 139, 2.6.1999, p. 1)
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2273/2004	(ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 89/2007	(ĠU L 22, 31.1.2007, p. 1)



## ANNEX II

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94	Dan ir-Regolament
Artikoli 1, 2 u 3	Artikoli 1, 2 u 3
Artikolu 3a	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 9	—
—	Artikolu 10
Artikolu 10, l-ewwel paragrafu	Artikolu 11
Artikolu 10, it-tieni paragrafu	—
—	Anness I
—	Anness II